MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2011

Numru. 11/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**Joseph Mizzi, bin Francis u Josephine nee' Stellini, imwieled fit-08 ta' April 1949 u residenti gewwa Joekate, Triq l-Imgarr, Qala, Ghawdex detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 38349(G)**

**John Mary Sciberras, bin John u Joan nee' Xuereb, imwieled fil-25 ta' Ottubru 1952 u residenti gewwa Tal-Fenek, Trq l-Imgarr, Qala, Ghawdex detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 67052(G)**

**Paul Mizzi bin Francis u Josephine nee' Stellini imwieled fit-30 ta' Mejju 1955 u residenti fil-fond 137, Triq Patri Guzepp Portelli, Qala, Ghawdex u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 36055(G)**

**Il-Qorti;**

**R**at l-akkuza kontra ’l hawn fuq imsemmija John Mary Sciberras, Joseph Mizzi u Paul Mizzi li gew akkuzati talli fil-Qala, Ghawdex fl-inhawi maghrufa bhala Ta’ Wied Biljun, sive Ta’ Damma matul ix-xahar ta’ Ottubru 2006 minghajr il-hsieb li jisirqu jew li jaghmlu hsara kontra l-Ligi izda biss biex jezercitaw jedd li jippretendu li ghandhom fixklu lil Doris Cauchi fil-pussess ta’ hwejjigha u b’modi ohra indahlu fi hwejjeg l-imsemmija Doris Cauchi u dana bi ksur ta’ l-artikolu 85 tal-Kapitolu 9 u aktar talli bi hsara ta’ sid jew ta’ detentur ghamlu vjolazzjoni ohra kontra l-proprjeta’ ta’l-imsemmija Doris Cauchi u dana bi ksur ta’l-artikolu 340D tal-Kapitolu 9.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Semghet trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

**I**lli permezz ta’ nota datata 24 ta’ Lulju 2009, il-kwerelanta Doris Cauchi irrinunzjat ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputati. Madanakollu billi l-akkuza ta’ ragion fattasi a tenur tal-artikolu 85 tal-Kapitolu 9 li hija akkuza ta’ ordni pubblika, ir-rinunzja da parti tal-kwerelanta bl-ebda mod ma taffettwa l-procediment penali fil-konfront tal-imputati. Dana jista’ biss ifisser illi l-parti leza li ressqet ir-rapport taghha lil pulizija illum ma ghadx ghandha interess f’dawn il-proceduri.

Il-Qorti wara li ezaminat l-atti processwali sejra tistrieh fuq ir-rapport redatt mill-Perit Valerio Schembri minn fejn jirrizulta illi l-parti leza la tindika l-persuni li kkomettew dina l-vjolazzjoni u lanqas tindika d-data ezatta meta dana sehh.

Ghaldaqstant fid-dawl ta’ dawn ir-risultanzi processwali l-Qorti ma tistax hlief tillibera lill-imputati minn dina l-akkuza fuq nuqqas ta’ provi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------